2025/1689

8.10.2025

DEĊIŻJONI (UE) 2025/1689 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-7 ta' Mejju 2025

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2023,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-Impriżi Konġunti ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([2]) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05757/2025 – C10-0025/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0056/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Roberta METSOLA

Is-Segretarju Ġenerali
Alessandro CHIOCCHETTI

([1]) ĠU C, C/2024/6841, 13.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6841/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
([4]) ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
([5]) ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj.
([6]) ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/887/oj.